MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 686/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Mario Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 600562M.

Akkuzat talli:
Nhar id-19 ta' Gunju 2012, gewwa Avalon, Triq Dun Luret Callus, Zabbug, u f'dawn il-Gzejjer, ikkaguna feriti ta' natura gravi fl-imnieher tat-tifla tieghu Yanika Attard hekk kif iccertifikat minn Dr Christine Ellul Med. Reg. 2746;

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat ta’ vjolenza domestika, peress li huwa kkommetta dan ir-reat kontra l-mara tieghu, skont kapitlu 481 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi tattata bi procedura sommarja;
Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u Kap. 481 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante li l-parte civile rrinunzjat ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat, b’hekk l-akkuzi ma gewx ippruvati, qeghda tillibera lill-imputat Mario Attard mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------